# 151. Tnissila Adulterina

L-imħabba għajtet ’il fuq: “Hawn għaqda saret
bejn mara u raġel: tnissel bniedem ġdid;
inżel ja Anġlu t’Alla, minn ġol-ġenna
għal dan il-bniedem ġdid jien ruħ irrid.

U l-anġlu t’Alla niżel minn ġos-sema,
ġo jdejh iżomm ir-ruħ qisha teżor
madwarha jkanta ġmielha kien jittajjar
ta’ kerubini u serafini kor.

Xħin wasal l-Anġlu t’Alla sab li l-għaqda
kienet saret taż-żwieġ kontra l-wegħdiet;
l-Anġlu kkunsinna r-ruħ u bewweġ sieket
b’għajnejh mimlija dmugħ lejn is-smewwiet.